V

(Avviżi)

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika dwar il-miżuri tal-antidumping fis-seħħ rigward l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat: modifika tal-isem tal-kumpaniji li huma suġġetti għal rati tad-dazju antidumping individwali

(2014/C 13/08)

Importazzjonijiet ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat li joriġinaw, *inter alia*, fl-Ukraina huma suġġetti għal rati ta' dazju antidumping definittiv, impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1256/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 ([1]).

Il-produtturi esportaturi Ukraini OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant kif ukoll OJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant huma suġġetti għal dazji anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1256/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008.

Fid-29 ta' Mejju 2013, iż-żewġ kumpaniji infurmaw lill-Kummissjoni li isimhom inbidel minħabba bidla leġiżlattiva fl-Ukraina. Din il-bidla affettwat l-abbrevjazzjonijiet tal-forma ġuridika fid-denominazzjonijiet taż-żewġ kumpaniji kif ġej:

— "OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant" issemmiet mill-ġdid bħala "PJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant"

u

— "OJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant" issemmiet mill-ġdid bħala "PJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant"

Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni mogħtija u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ma taffettwa bl-ebda mod il-konklużjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq.

Għalhekk, ir-referenza għal "OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant" għandha tinqara bħala "PJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant" fir-Regolament (KE) Nru 1256/2008, u r-referenza għal "OJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant" għandha tinqara bħala "PJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant" fir-Regolament (KE) Nru 1256/2008.

Il-kodiċi addizzjonali TARIC A345 li qabel kien attribwit lil "OJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant" kif ukoll "OJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant" fir-Regolament (KE) Nru 1256/2008 japplika għal "PJSC Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant" u "PJSC Interpipe Novomoskovsk Pipe Production Plant".

([1]) ĠU L 343, 19.12.2008, p. 1.